MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-5 ta' Frar, 2008

Citazzjoni Numru. 796/2007

**Perit Hector Zammit (ID 370966M)**
**Vs**
**Vassallo and Falzon Properties Limited (C 19530)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attur fl-24 ta' Lulju, 2007, li *in forza* taghha, wara li ppremetta :

Illi l-esponenti ippresta servizzi professjonali lis-socjeta konvenuta bhala Perit, fuq inkariku ta' l-istess socjeta u dan in konnessjoni ma' progett ta' zvilupp immobiljari f'Ta' Xkora fil-Mosta;

Illi s-socjeta konvenuta hi debitrici fil-konfront ta' l-attur fl-ammont ta' tmienja u ghoxrin elf, erba' mija u tmienja u tletin lira u sebgha u tmenin centezmu (Lm28,438.87) liema ammont jinkludi s-somma ta' erbat elef tliet mija u tmienja u tletin lira u tlettax-il centezmu (Lm4,338.13)

taxxa fuq il-valur mizjud, u dan in linea ta' drittijiet professjonali ghal tali prestazzjonijiet u dan hekk kif jidher minn fattura annessa mal-istess rikors guramentat;

Illi dan id-dejn hu cert, likwidu u dovut u ma jikkonsistix fl-ezekuzzjoni ta' fatt u li sa fejn jaf l-esponenti, is-socjeta konvenuta ma ghandha l-ebda eccezzjonijiet x'taghti f'dina l-kawza;

Illi minkejja Ii giet interpellata sabiex thallas permezz ta' att gudizzjarju, is-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza;

Illi l-esponenti jaf b'dawn il-fatti personalment;

Illi r-raguni ta' din it-talba hi Ii s-socjeta konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas l-ammont ta' tmienja u ghoxrin elf, erba' mija u tmienja u tletin lira u sebgha u tmenin centezmu (Lm28,438.87) liema ammont jinkludi s-somma ta' erbat elef tliet mija u tmienja u tletin lira u tlettax-il centezmu (Lm4,338.13) taxxa fuq il-valur mizjud, in linea ta' drittijiet ghal prestazzjonijiet professjonali rezi fuq inkariku taghha mill- esponenti;

Talab illi dina l-Qorti, prevja id-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija il-provvedimenti opportuni :

1. Tisma' dina l-kawza bid-dispensa tas-smiegh a tenur ta' l-Art. 167 et seq tal-Kap. 12;
2. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas l-ammont ta' tmienja u ghoxrin elf, erba' mija u tmienja u tletin lira u sebgha u tmenin centezmu (Lm28,438.87) liema ammont jinkludi s-somma ta' erbat elef tliet mija u tmienja u tletin lira u tlettax-il centezmu (Lm4,338.13) taxxa fuq il-valur mizjud, in linea ta' drittijiet ghal prestazzjonijiet professjonali rezi mill-attur fuq inkariku taghha.

Bl-Ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficcjali tat-3 ta' Lulju 2007 fl-istess ismijiet u tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentati kontestwalment mar-Rikors Guramentat, u bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-istess ittra ufficcjali

kontra s-socjeta konvenuta li minn issa hi ingunta in subizzjoni.

Rat in-nota tax-xhieda ta’ l-attur;

Rat il-fattura ipprezentata mill-attur;

Rat id-digriet taghha tas-27 ta’ Lulju 2007 li bih ordnat illi l-kawza tigi trattata u deciza fil-kors normali taghha u pprefiggiet lis-socjeta’ konvenuta t-terminu ta’ ghoxrin (20) gurnata zmien sabiex tipprezenta r-risposta guramentata taghha;

Rat illi ir-rikors guramentat kif ukoll id-digriet taghha tas-27 ta’ Lulju 2007 gew debitament notifikati lis-socjeta konvenuta li naqset li tipprezenta risposta guramentata u b’hekk baqghet kontumaci;

Semghet ix-xiehda tal-attur;

Ezaminat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat :

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw pruvati;

Fil-kontumacja tas-socjeta’ konvenuta, tiddeciedi billi filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba, peress illi din giet deciza bid-digriet taghha tas-27 ta’ Lulju 2007 kif intqal aktar ‘il fuq f’dan il-gudikat, tilqa’ t-tieni talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-attur l-ammont ta' sitta u sittin elf mitejn u erbgha u erbghin euro u hamsa u sebghin euro centezmi (€66,244.75) ekwivalenti ghal tmienja u ghoxrin elf, erba' mija u tmienja u tletin lira u sebgha u tmenin centezmu (Lm28,438.87) liema ammont jinkludi s-somma ta' ghaxart elef mija u hames euro u tnax il-euro centezmu (€10,105.12) ekwivalenti ghal erbat elef tliet mija u tmienja u tletin lira u tlettax-il centezmu (Lm4,338.13) taxxa fuq il-valur mizjud, in linea ta' drittijiet ghal prestazzjonijiet

professjonali rezi mill-attur fuq inkariku tas-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet kif mitluba kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------